MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2014

Numru 145/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Francesco Consalvo**

**Filippo Parasole**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati:

Francesco Consalvo ta' 26 sena, imwieled Catania, Sqallija fit-2 ta' Mejju 1988, iben Gaetano u Vincenza nee` Camonita, residenti gewwa No. 8, Via G. Puccino, Catania, Sqallija u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 83987(A), u

Filippo Parasole ta' 29 sena, bin Giovanni u Agata nee` Di Giuseppe, imwieled Paterno, Sqallija nhar is-7 ta' Awwissu 1984, residenti gewwa No. 57, Via Stesicoro, Catania, Sqallija:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-8 ta' Mejju 2014:

Kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2014, l-imputati irregistraw ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammissjoni bikrija tal-imputati u l-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputati ghandhom jibbenefikaw mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, huma taw xhieda guramentata ai termini tal-Artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' terza persuna. Qieset ukoll illi l-imputati ghandhom fedina penali netta ghar-rigward tal-perjodu ta' zmien li huma qattghu f'Malta.

Il-Qorti qieset ukoll min-naha l-ohra illi mill-istqarrija tal-imputati, jirrizulta illi huma kellhom sebghin gramma haxixa tal-*cannabis* kull wiehed li, fil-fehma tal-Qorti, m'huwiex ammont irrizorju.

Meta wiehed iqis li normalment doza tipika ta' *cannabis* f'*joint* hija dik ta' 0.2 grammi[1], dan ifisser illi la darba l-ammont ta' *cannabis* misjub kien ta' 140 gramma - 70 gramma kull wiehed - kull imputat kellu bizzejjed sustanza ghal madwar 350 *joint*.

**Konkluzjoni**

[1] *World Drug Report 2006 Volume I. Analysis*, pagna 96 *et seq*.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija effettiva** kull wiehed **–** li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja ghamlu taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat li tieghu nstabu hatja permezz ta' din is-sentenza u **multa ta' tminn mitt Euro (€800)** kull wiehed, li ghandha tithallas immedjatament. Fin-nuqqas, din tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga li tifforma parti minn Dokument NS, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien hamest ijiem mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-mobile u tas-somma ta' mitt Euro (€100), esebiti fl-atti bhala Dokument NS1, favur l-imputati jew min minnhom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------